Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 141/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 t'Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 141/06**

Mark Vella I.D. 0463782(M)

Vs

Lombard Bank Malta plc C 1067

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta’ Frar 2006 fejn l-attur qed jirriklama l-ammont indikat peress illi jallega illi gie ddebitat abbuzivament mill-kont tieghu mill-Bank konvenut u dan peress illi l-istess Bank konvenut ppretenda illi l-attur ihallashom dan l-ammont li jirraprezenta “Notice” li jmur kontra l-ligi, partikolarment l-Artikli 34,36 u 42 tal-Kap 452 (EIRA), bl-imghax.

Ra r-Risposta tal-Bank konvenut fejn gie ecceppit (1) preliminarjament l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal ratione materiae, (2) illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess it-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda kontrih bl-ispejjez stante li hu ta kwittanza per saldo lil Bank konvenut meta hu ttermina l-impjieg tieghu ma’ l-istess bank kif jirrizulta konfermat mill-anness Dokument “X”, u (3) salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz xhieda u dokumenti prodotti.

Sema` t-trattazzjoni ta’ l-abbli Avukati difensuri u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob ghar-rifuzjoni tas-somma ndikata u riklamata a bazi ta’ zewg konsiderazzjonijiet – (1) ghax giet debitata mill-kont tieghu b’mod abusiv u (2) ghax tirraprezenta ammont ta’ ‘Notice’ Money illi l-attur jallega ma kienitx dovuta.

Illi l-account ta’ l-attur gie debitat fis-26 ta’ Jannar 2006 (fol 13).

Illi l-attur xehed (29.05.06) u kkonferma ‘Dok X’ (a fol 7) u l-firma tieghu fuq l-istess document, hekk ukoll kif kkonferma u gharaf il-firma tieghu fuq Dok MV2 (fol 15).

Illi ‘Dok X’ iffirmata mill-attur stess tghid espressament illi kien qed jircievi somma “*representing all amounts owing to me and for which I hereby give due receipt in full and final settlement*”, u aktar illi l-istess attur jghid “*I confirm that I do not hold any claims whatsoever in respect of Lombard Bank Malta plc, it subsidiaries or its officials*”.

Illi “Dok MV2” iffirmat minn Mark Vella stess jaghti struzzjonijiet lill-Bank konvenut – “*please debit my account no ……. with the above amount on 25/01/06*”, l-ammont indikat ikun dak ta’ tmien mija u seba` u sittin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm867.51).

Illi tenut kont dan kollu tidher ghalhekk sostenibbli t-tieni eccezzjoni tal-Bank konvenut.

Hekk kif ukoll tidher sostenibbli l-ewwel eccezzjoni tal-Bank konvenut, fis-sens illi anke jekk jista` jkun illi jidher *prima facie* validu illi jinghad illi l-kuntratt ta’ l-impjieg ta’ Mark Vella mal-Bank konvenut kellu klawsoli illi ma humiex accettabbli taht il-kappa tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta – b’dan kollu dan it-Tribunal mhux kompetenti illi jissindika tali allegazzjoni u wisq anqas illi jiddeciedi dwarha. Xejn ma kien izomm lill-attur illi jiehu proceduri ad hoc fi zmien opportun sabiex isostni t-tezi tieghu.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-Tribunal, wara illi ra x-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-Bank konvenut u jichad t-talbiet attrici. Bl-ispejjes kontra l-attur u b’rizerva lilu ghal kull azzjoni li tista` tkun lilu spettanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------